**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Moghti nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2021**

**Mandat Inib. Nru.: 188/2020 JPG**

**MB**

**Vs**

**MG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MB datat 18 ta' Dicembru 2020, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

> *Illi l-esponenti ghandu interess illi l-minuri hawn that imsemmi ma jittihidx barra minn Malta;*
>
> *Illi l-intimat huwa/hija/huma persuna/persuni li ghandu/ghandha/ghandhom, jew li jista'/tista'/jistghu ikollu/ikollha/ikollhom il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmi minuri;*
>
> *Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat jew l-intimati fejn huwa/hija/huma jigi/tigi/jigu orndat/I milli jiehu/tiehu/jiehdu jew jippermetti/tippermetti/jippermettu lil xi hadd jiehu/tiehu/jiehdu l-imsemmi minuri barra minn Malta;*

*Dettalji tal-minorenni:*

*RBG*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MG datata 28 ta' Dicembru 2020, a fol 14 et seqq., li taqra hekk:

> *Illi **preliminarjament** l-esponenti tirrileva umilment illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dwar il-mandat odjern, stante illi kemm l-esponenti, u fuq kollox il-minuri RBG, li hija s-suggett ta' dan il-mandat, jghixu gewwa B, fejn ghaldaqstant il-minuri ghandha r-residenza abitwali taghha u fejn hija tirrisjedi regolarment flimkien ma' l-esponenti. Dan huwa ai termini tat-Tieni Sezzjoni, Artikolu tmienja (8) tal-Council Regulation EC No. 2201/2003.*
>
> *Illi l-esponenti ilha tghix gewwa B ghal iktar minn ghaxar (10) snin u senjatament mis-sena elfejn u sebgha (2007), u ilha tahdem hemm, l-ewwel bhala translator b'kuntratt definit mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mbagħad mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u sussegwentement u sa llum, wara li saret EU permanent official fl-elfejn u tnax (2012) bhala translator b'kuntratt permanenti mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ghal dawn is-snin kollha, b'dan illi l-esponenti qieghda tannetti l-karta ta' l-identita' taghha kif ukoll il-karta ta' l-identita tax-xoghol taghha hawn annessi bhala **Dok 'A' u 'B'**. L-esponenti qieghda tannetti wkoll kuntratt ta' kirja li jmur lura ghas-sena elfejn u ghaxra (2010), hawn anness bhala **Dok. 'C'**.*
>
> *Illi anke matul ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, li ma kienet qatt waħda stabbli, u illi ntemmet meta l-minuri kellha biss sebgha (7) xhur u r-rikorrenti beda' relazzjoni gdida li huwa heba mill-esponenti, l-esponenti kienet tirrisjedi barra minn Malta, b'dan illi l-partijiet kienu jiddiskutu bejniethom kif ser jirregolaw l-access ghall-minuri f'zewg pajjizi differenti. F'dan ir-rigward l-esponenti qieghda tannetti l-messaggi u korrispondenza skambjata bejn il-partijiet f'dan is-sens, liema messaggi u korrispondenza qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala **Dok. 'D' sa Dok 'K'**.*

*Illi effettivament kemm meta skopriet li kienet tqila, u anke matul it-tqala, l-esponenti wkoll kienet gewwa B skond ma jirrizulta wkoll mill-appuntamenti medici relattivi li qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala* ***Dok 'L'*** *sa* ***Dok. 'N'****. Kien ir-rikorrenti wkoll illi qabel illi l-minuri ghandha tibqa' gewwa B ma' l-esponenti, tant illi huwa stess kien ikkonferma lil B bhala home ghall-esponenti skond ma jirrizulta mill-messagg hawn anness, esebit u mmarkat bhala* ***Dok. 'O'*** *u kien hu ukoll illi kkonferma li ma kienx ser jippretendi affarijiet impossibli, la darba l-esponenti kienet gewwa B. Effettivament kien ir-rikorrenti nnifsu li akkumpanja lill-minuri flimkien ma' l-esponenti gewwa B u ħareġ ukoll għall-kampanja elettorali għal MEP bil-ħsieb li jkun iktar qrib il-minuri.*

*Illi ghaldaqstant, salv ghal perijodu qasir wara t-twelid taghha, sakemm l-esponenti irkuprat fid-dar tal-ġenituri tagħha qabel ma rritornat lura lejn B, il-minuri dejjem ghixet gewwa l-X fejn hija ghandha r-residenza ordinarja u abitwali taghha. L-esponenti fil-fatt qatt ma interrompiet l-impjieg taghha gewwa B jew il-kuntratt tal-kiri tagħha. Di piu' l-esponenti u l-minuri lanqas qatt ma għexu mar-rikorrenti.*

*Illi dan gie kkonfermat ukoll mir-rikorrenti innifsu fil-premessi relattivi fejn huwa ddikjara li l-esponenti tahdem gewwa B, b'dan illi l-minuri tirrisjedi maghha. L-esponenti tigi Malta biss ghall-btala u sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jara lill-istess minuri. F'dan ir-rigward l-esponenti qieghda tannetti c-certifikati ta' residenza gewwa B taghha u tal-minuri, liema certifikati qed jigu hawn annessi bhala* ***Dok. 'P' u 'Q'****. Il-minuri effettivament tirċievi wkoll regolarment ittri f'isimha mill-kunsill lokali fi B. <u>Traduzzjoni ta' l-istess dokumenti kif ukoll ta' dawk ohrajn esebiti bil-lingwa Franciza, ser jigu esebiti matul is-seduta tas-7 ta' Jannar 2021</u>.*

*Illi fil-mertu u strettament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tirrileva umilment illi l-iskop illi gie intavolat il-mandat odjern ma huwiex minhabba xi biza' li l-esponenti ser tahrab bil-minuri, stante illi r-rikorrenti jaf ben tajjeb illi l-minuri hija registrata sabiex tibda' l-kindergarten gewwa B fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021), b'dan illi kien*

*huwa stess illi taha l-kunsens tieghu u pprovda l-informazzjoni mehtiega ghal tali registrazzjoni, skond ma jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi bhala* ***Dok.'R' u 'S'.*** *Kif jirrizulta wkoll mill-istess korrispondenza l-esponenti dejjem zammet lir-rikorrenti infurmat dwar decizjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri u qatt ma ippruvat tiehu tali decizjonijiet wahedha, kif qed jallega r-rikorrenti. Ghall-kuntrarju, r-rikorrenti kien fil-fatt ta wkoll il-kunsens tiegħu biex il-minuri nkitbet fi crèche meta l-esponenti rritornat magħha fi B, iżda mbagħad ġie deċiż li l-minuri ma tintbagħatx il-creche peress li l-esponenti taħdem spiss mid-dar u wkoll eventwalment faqqgħet il-pandemija.*

*Illi di piu' r-rikorrenti jaf ukoll illi l-esponenti ghandha l-impjieg taghha fi B u ghaldaqstant certament illi ma hi ser titlaq imkien, b'dan illi dan il-fatt ir-rikorrenti jafu ben tajjeb, kif jirrizulta wkoll mid-dokument hawn anness bhala* ***Dok. 'T'.*** *Effettivament is-safar ta' l-esponenti prattikament dejjem kien lejn Malta bil-minuri.*

*Illi l-esponenti qiegħda wkoll tfittex li tixtri proprjetà fi B, u diġà għamlet bosta offerti, dan bl-għarfien ta' l-esponenti u sahansitra anke tal-familja tieghu, fosthom ohtu, li tatha wkoll parir li għandha tinvesti f'appartament fi B.*

*Illi b'referenza ghas-safra lejn il-Brazil illi ghamel referenza ghaliha r-rikorrenti, l-esponenti tirrileva umilment illi hija kienet sejra hemm fuq vjagg kulturali ghal ftit jiem ghal esibizzjoni ta' artist, habib taghha, u l-esponenti tat lir-rikorrenti l-informazzjoni kollha dwar tali safra. Effettivament, la darba r-rikorrenti oggezzjona l-esponenti ma marritx, kif fil-fatt jirrizulta mill-messaggi esebiti mir-rikorrenti nnifsu fejn l-esponenti kkonfermat 'then I won't be able to go'. Ghaldaqstant certament illi l-esponenti qatt ma ppruvat tiehu decizjonijiet wahedha avolja hadet pariri ta' tobba li kkonfermaw illi setghet tmur lejn il-Brazil bil-minuri.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tirrileva umilment illi filwaqt illi r-rikorrenti qed jallega, bl-aktar mod qarrieqi, li l-esponenti qed tipprova tbieghed lill-minuri minn missierha, l-verita' hija ferm differenti, b'dan illi ghall-kuntrarju l-esponenti taghmel diversi arrangjamenti sabiex tigi Malta u r-rikorrenti jkun jista' jara lil bintu minuri b'mod regolari. Din kienet fil-fatt ir-*

*raġuni għalfejn l-esponenti għażlet li twelled u tqatta' l-maternity leave taghha gewwa Malta. Barra minn hekk, minn Marzu elfejn u dsatax (2019), meta l-esponenti rritornat B mal-minuri wara t-twelid taghha, u matul l-istess sena, l-esponenti vvjaggat lejn Malta ħames darbiet, senjatament fl-Għid, f'Mejju, fis-Sajf, f'Novembru u fil-Milied, u dan dejjem u kull darba bl-gharfien tar-rikorrenti u b'access regolari ghall-minuri.*

*Illi matul din is-sena kurrenti, r-rikorrenti naqas milli jitla' lejn Brusell, salv ghal darba wahda fil-bidu tas-sena, b'dan illi kienet l-esponenti li giet Malta bit-tifla matul il-vakanzi tas-Sajf ghal perijodu estiz, u regghet ghal darba ohra ghamlet l-arrangjamenti necessarji ghall-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Mill-messaggi esebiti mir-rikorrenti nnifsu jirrizulta li huwa hassar il-vista ta' Frar lejn B u effettivament huwa ma ghamel l-ebda tentattiv iehor sabiex izur lil bintu bl-iskuza tal-pandemija, minkejja li kien ghadu possibbli li jsiru vjaggi lejn il-X. Min-naha l-ohra u nonostante l-pandemija huwa ppretenda li tkun dejjem l-esponenti li taghmel l-arrangjamenti kollha necessarji sabiex tigi Malta bil-minuri. F'dan ir-rigward l-esponenti qed tannetti l-biljetti ta' l-ajru relattivi li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala* ***'Dok. U'*** *sa* ***'Dok Z1'.***

*Illi ghal dak illi jirrigwarda l-kuntatt virtwali mal-minuri li ghamel referenza ghalih ir-rikorrenti, jigi rilevat umilment illi ghall-kuntrarju, kien ir-rikorrenti li kien jaqbad u jiddeciedi hu l-hinijiet arbitrarjament, b'dan illi huwa sahansitra kien anke jsaqsi ghal video calls fis-7:00a.m. jew fit-8:30 p.m. u ripetutament insista li s-siehba tieghu tkun prezenti ghal tali telefonati. Barra minn hekk ir-rikorrenti kien jippretendi li l-minuri ta' eta' daqshekk tenera taghmel hin twil fuq tali telefonati meta evidentement dan huwa impossibli ghal tifla ta' sentejn. Il-kuntatt telefoniku dejjem kien ta' lanqas darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha u l-esponenti dejjem ghamlet mezz illi tipprova zzomm lill-minuri fuq it-telefonata avolja ghadha daqstant zghira. It-telefonati saru wkoll bosta drabi mal-familjari l-oħra tal-minuri, jiġifieri iben ir-rikorrenti minn mara oħra, nanniet u zijiet ta' l-istess minuri. L-esponenti qieghda tesebixxi xi whud mit-telefonati li jikkonfermaw dan kollu liema call logs qed jigu esebiti bhala* **Dok. Z2 sa Dok. Z5.** *Ciononostante r-rikorrenti dejjem ikun lest li jghajjar lill-esponenti ghaliex huwa jippretendi li jcempel meta jkun komdu ghalih u mhux ghall-istess bintu u xi kultant ukoll ghall-esponenti li tahdem u ghaldaqstant ma tistax tkun dejjem*

*tista' tiehu kull telefonata tar-rikorrenti.*

*Illi tajjeb illi jinghad ukoll illi sa ma l-minuri kellha kwazi sentejn, ir-rikorrenti ma kien jitlob kwazi qatt ghal video calls mal-minuri, bhal ma prattikament ma kien jikkomunika kwazi qatt ma' l-esponenti dwar it-trobbija ta' binthom.*

*Illi di piu' r-rikorrenti huwa ferm abbuziv fl-attitudni tieghu b'dan illi anke f'tali video calls huwa mhux l-ewwel darba li jghid lill-esponenti 'mhux lilek irridu naraw izda lil RBG'. Di piu' mhux l-ewwel darba ukoll illi r-rikorrenti ma jzommx mal-hin miftiehem u jippretendi li l-esponenti tkun accessibbli f'kull hin illi jippretendi hu, filwaqt illi jghajjarha li tqum tard sempliciment jekk huwa jaghzel illi jrid icempel nhar ta' Hadd fis-sebgha ta' filghodu (7:00a.m.) jew altrimenti jakkuzaha b'parental alienation jekk hija tinzerta tkun qed tahdem x'hin ikun irid icempel.*

*Illi filwaqt illi r-rikorrenti qed jallega li l-esponenti qatt ma pprovdiet informazzjoni dwar l-access ghall-Milied u l-Ewwel tas-Sena, dan assolutament ma huwiex minnu, b'dan illi sahansitra qabel ma gie ntavolat il-mandat, l-esponenti ghamlet diversi proposti ta' access, skond ma jirrizulta mill-wahda mill-emails hawn annessa bhala* ***Dok. 'Z6'****, b'dan illi di piu' kienet ukoll is-sottoskritta li kkomunikat ma' l-avukat di fiducja tar-rikorrenti sabiex tikkonferma li kien gie propost access ghal tali festi, u li tali access kien qed jigi estiz ukoll ghall-Milied, liema korrispondenza ma hijiex qed tigi esebita ghaliex hija a bazi ta' minghajr pregudizzju. L-esponenti baqghet ma rceviet l-ebda risposta ghall-istess korrispondenza u minflok giet infurmata bil-mandat odjern, flimkien ma' rifjut ostinat da parti tar-rikorrenti ghal kull proposta ta' access maghmula mill-esponenti, minkejja li kull darba din kellha tbiddel it-titjiriet relattivi u terga' tavza lil tax-xoghol taghha dwar tali tibdil.*

*Illi l-esponenti sahansitra estendiet il-btala taghha gewwa Malta ghall-Milied u l-Ewwel tas-Sena, bl-ghan illi r-rikorrenti jkun jista' jqatta' hin adegwat mal-minuri. Izda ciononostante kull proposta ta' access da parti ta' l-esponenti giet michuda mir-rikorrenti li l-attitudni tieghu sfortunatament hija 'my way or the highway'.*

*Illi ghaldaqstant certament illi ma huwiex minnu li l-esponenti ma pprovdiet l-ebda informazzjoni. Fil-fatt l-esponenti gharrfet lir-rikorrenti, u ghaldaqstant certament mhux minn wara dahru, li xtaqet tqatta' ftit jiem mal-genituri taghha qabel ma RBG tibda' tiltaqa' mieghu u ghaldaqstant tigi esposta ghal diversi persuni ohra. L-esponenti ghamlet dan, eċċezzjonalment ghal dawn il-vaganzi u in vista tal-pandemija, peress illi ommha hija anzjana li ghandha l-marda tal-kancer u li ghaldaqstant, partikolarment izda mhux limitatament fil-pandemija li ninsabu fiha, hija ferm vulnerabbli. Inzerta wkoll l-anniversarju tal-genituri ta' l-esponenti. Madanakollu, sabiex taghmel dan l-esponenti ma kienetx ser tnaqqas granet ta' access minn mar-rikorrenti, izda estendiet il-btala originali taghha b'tali mod li l-granet mal-genituri taghha jsiru mil-leave taghha qabel il-perijodu tal-Milied, biex b'hekk ir-rikorrenti xorta wahda seta' ikollu access regolari fuq perijodu ta' gimghatejn kemm ghall-Milied u anke l-Ewwel tas-Sena u naturalment fil-granet ta' bejn l-istess zewg okkazjonijiet sakemm l-esponenti titlaq lura lejn B, kif l-esponenti kienet indikat lir-rikorrenti.*

*Illi r-rikorrenti dejjem kellu access regolari ghall-minuri, matul iz-zjarat shah li l-esponenti taghmel Malta, b'dan illi hija dejjem tgharrfu bid-dati tal-wasla u t-tluq taghha. Ghal dan il-Milied, eccezzjonalment minhabba l-pandemija u minhabba li s-sitwazzjoni f'Malta ggravat iktar wara s-Sajf, l-esponenti issugeriet, wara li diversi proposti ohra ta' access gew rifjutati mir-rikorrenti, li r-rikorrenti jkollu access tul il-gimaghtejn kollha tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, u hi tqatta' biss hamest (5) ijiem qabel mal-genituri taghha li kellha tiehu mil-leave taghha, minkejja li dan kien ifisser li kien ser ikollha tqatta' kemm il-btala tal-Milied kif ukoll tal-Ewwel tas-Sena wahedha, 'il boghod mill-genituri taghha. Madankollu, imbaghad l-esponenti xorta irrifjuta tali proposta u sahansitra hedded ukoll li jieħu lill-minuri minghand l-esponenti kif dawn jaslu l-ajruport ghax ried bilfors illi jiehu lill-minuri kompletament mieghu ghal erbgha u ghoxrin (24) siegha kuljum. Effettivament wara ftit li waslet Malta l-esponenti giet infurmata bil-mandat odjern, u kontra x-xewqa ta' l-istess esponenti l-access ma setghax jigi ezercitat in vista tal-biza' reali li r-rikorrenti jonqos milli jirritorna lill-minuri ghand l-esponenti.*

*Illi r-rikorrenti bhas-soltu beda' jghajjar lill-esponenti b'parental alienation meta f'sena shiha dejjem hi ghamlet l-arrangjamenti necessarji sabiex l-access*

*tieghu jigi ezercitat, la darba huwa ma ghamel l-ebda sforz f'dan is-sens u rrifjuta wkoll illi jaghti l-kontribut tieghu ghat-titjira sabiex il-minuri tirritorna lejn B wara din il-btala.*

*Illi biss biss fis-sajf illi ghadda l-esponenti ghamlet l-arrangjamenti necessarji anke ma' tax-xoghol u qattghet gimghat shah gewwa Malta fejn ir-rikorrenti kellu access kostanti u sleepovers regolari. Madanakollu huwa xorta wahda kien lest illi jghajjar u jakkuza lill-esponenti li qed iccahhdu minn bintu, kif dejjem jaghmel, taghmel x'taghmel l-esponenti sabiex tipprova takkomoda x-xewqat tieghu.*

*Illi l-partijiet kellhom sistema fejn ir-rikorrenti kien jgharraf lill-esponenti meta ried jara lill-minuri, kemm fi B kif ukoll f'Malta, minhabba li hu kellu hafna impenji. Da parti taghha l-esponenti kienet taccetta dan, sakemm ma kienx jinzerta jkollha xi impenji li ma setghux jigu posposti. Madanakollu, sussegwentement ir-rikorrenti beda jinsisti li jrid skeda fissa minn qabel il-btala, u fil-fatt l-esponenti bdiet takkomodah anke f'dan ir-rigward. Issa r-rikorrenti la jrid l-ewwel sistema u lanqas it-tieni, b'dan illi huwa jrid illi l-minuri tkun mieghu kuljum ghal erbgha u ghoxrin (24) siegha, meta hija tkun Malta.*

*Illi min-naha l-ohra, da parti tieghu, u ghalkemm ir-rikorrenti huwa lecturer u ghandu hafna vakanzi, huwa xorta wahda ma jaghmel l-ebda tentattiv sabiex ta lanqas jaqsam il-vakanzi izda dejjem jippretendi li jiddetta lill-esponenti x'taghmel, ghaliex dik hija l-attitudni manipulattiva u aggressiva tieghu.*

*Illi l-esponenti dejjem sfat mghajjra wkoll kull darba li talbet manteniment ghal bintha minuri.*

*Illi bil-mandat odjern, r-rikorrenti qed jerġa' jara biss l-interessi personali tiegħu, b'dan illi huwa jaf ben tajjeb illi l-minuri suppost ghandha tibda' l-kindergarten fit-13 ta' Jannar 2021.*

*Illi l-esponenti tikkonferma bil-gurament taghha li hija ghamlet diversi tentattivi sabiex tasal ghal ftehim amikevoli mar-rikorrenti, b'dan illi sfortunatament l-isforzi kollha taghha f'dan ir-rigward sfaw fix-xejn in vista ta' nuqqas ta'*

*kooperazzjoni kontinwa da parti tar-rikorrenti, kemm sabiex jghin fit-trobbija tal-minuri, kif ukoll sabiex jasal ghal kompromess ghal dak illi jirrigwarda l-access tieghu f'Malta u gewwa B.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti titlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq citat, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti, u dan fl-interess suprem tal-minuri RBG u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha f'seduta stante datat 7 ta' Jannar 2021;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**MG in ezami** xehdet[1] illi ilha tirrisjedi gewwa B tlettax- il-sena (13) u tahdem bhala *translator* mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Tispjega li meta hija iltaqghat mal-attur bejn Awwissu tal-2017 u Ottubru tal-istess sena, huwa kien jaf li hija kienet tghix barra u li kienet Malta temporanjament. Filfatt izzid li l-attur kien akkumpanjaha lura B, u kien propju meta marret lura B li hija skopriet li kienet tqila, fejn hija baqghet ghat-tqala kollha, tant li l-appuntamenti medici saru ukoll B. Isostni li ghalkemm l-attur kien qabel li setghat twelled B, hija ddecidiet li twelled Malta biex l-attur ikun jista jkun qrib tat-tarbija. Kien hemm ukoll qbil li hija kienet ser tqatta' l-*maternity leave* Malta u wara tmur lura B, kif filfatt gara, tant li l-partijiet kienu diga qeghdin jiddiskutu fuq skejjel gewwa B.

Tistqar illi meta kienet ghadha tqila, kienu ftehmu li l-attur seta' jigi B jara lit-tarbija u meta x-xhud tkun Malta jkun jista' jaraha Malta. It-tarbija twieldet fit-tnax (12) ta'Lulju 2018, u wara li ghadda iz-zmien tal-*maternity*, f'Marzu tas-sena 2019, l-intimata marret lura bit-tifla B u kien l-attur li akkumpanjaha l-ajruport. Hija tikkonferma li minn Marzu tat-2019 hi u t-tarbija ghexu fi

[1] Vide xhieda a fol 101 et seq.

B u li t-tifla hija registrata li ser tibda skola fit- 13 ta'Jannar kif jaf l-attur *stante* li kien huwa li approva l-iskola in kwistjoni. Ix-xhud tistqar illi hija rritornat lura Malta fil-11 ta' Dicembru.

**In kontro-ezami** meta mistoqsija fuq is-safra taghha l-Brazil, fejn hija kienet sejra ma' xi hbieb fuq btala sabiex tattendi ghal xi esebizzjoni, u kienet ser tiehu lill-minuri maghha peress li ghadha *breast feeding*, ssostni li meta semmiet dan mal-attur, dan kien antecedenti ghall-pandemija u li semmiet dan mal-attur biex titlob il-permess tieghu ghaliex taf li m'ghandhix dritt li titlaq fejn trid bit-tifla. Minkejja li hija kienet vverifikat ma' xi tobba, l-attur ma kienx qabel u filfatt ma kinitx marret gialadarba l-attur ma qabilx. L-intimata insistit li hija ma tistax tinqala minn B peress li ghandha kuntratt li jobbligaha li tghix B biex tahdem hemm. L-intimata tinsisti illi kull meta hija harget minn B, hija dejjem infurmat lill-attur b'dan. Meta mistoqsija fuq ix-xewqa taghha li ssiefer l-Ingilterra, l-intimata twiegeb illi din kienet xi haga li hija kienet iddiskutiet mal-attur qabel u li hija qatt ma hbietlu xejn.

L-intimata kkonfermat li lil attur kienet qaltlu li ser tigi ftit jiem qabel ma jibda l-access tieghu sabiex tkun tista tqatta hamest ijiem ma' ommha li hija marida qabel mat-tifla tkun mal-attur u ghalhekk esposta ghal diversi persuni. Galea tispjega illi kienet iddecidiet li taghmel dan anke peress li hija kellha taghmel xi jiem kwarantina wara l-wasla taghha f'Malta, biex imbaghad l-attur ikun jista' jezercita l-access mit- 22 ta'Dicembru sal- 4 ta' Jannar. L-intimata issostni li minkejja li hija ghamlet din il-proposta lill-attur huwa baqa' jirrifjuta ghaliex ried li jiehu lill-minuri 24/7. L-intimata tghid li sahansitra kien qalilha li ser jigi ghall-minuri l-ajruport u ma tahiex data ta' meta se jirritorna lill-minuri u ghaldaqstant bezghat li ser izommha. L-intimata tikkonferma li hija cittadina Maltija u li anke l-attur huwa cittadin Malti u li l-minuri hija ukoll cittadina Maltija bil-passaport Malti u li anke kienet qeghda tikkomunika mal-attur sabiex igeddu l-passaport tal-minuri stante li dan ser jiskadi fi Frar.

Mistoqsija jekk qed tahdem minn Malta permezz ta' telework, l-intimata tispjega illi huma m'ghandhomx din il-possibilita' u li dan il-permess huwa biss ghal perjodu limitat minhabba l-Covid u li r-regola hija li huma jghixu B. L-intimat issostni li hija tkun Malta biss ghall- btajjel u li tkun Malta circa tlett darbiet fis-sena ghal gimgha jew gimaghatejn. Mistoqsija kemm damet Malta is-sajf li ghadda, l-intimata tispjega li damet iktar mis-soltu minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid. Hija tispjega illi peress li l-attur kien ilu ma jara lit-tifla minn Jannar, hija tawlet iz-zjara taghha billi hadmet permezz ta' *telework* u billi hadet xaharejn *leave,* biex b'hekk l-attur ra lit-tifla disa gimghat minn ghaxra. Mistoqsija id-durata li l-minuri ghamlet f'B u jekk kienx ugwali ghaz-zmien li ghamlet f'Malta, l-intimata cahdet, izda rrilevat li dan is-sajf

ghamlet iktar zmien mis-soltu unikament minnhabba l-Covid. L-intimata tispjega illi fis-sena 2020 hija ghamlet tlett xhur Malta u fis-sena 2019 hija giet Malta xi hames darbiet ghal xi *long weekends* u gimghatejn fis-sajf.

In re ezami l-intimata tispjega illi fis-sena 2020 hija giet Malta peress li l-attur f'dik is-sena tela' biss darba f'Jannar B.

**MB in ezami**[2] xehed illi b'referenza ghad-dokumenti esebiti mill-intimata, hu jirrileva illi kien qieghed jarahom dak il-hin stess u li hu qatt ma ntalab jiffirma xejn. L-attur jispjega illi hu kien ixxokjat li t-tifla qeghda registrata B meta ghandu fil-pussess tieghu evidenza li huwa effetivament kien kontra li l-minuri tmur B pero' kontra qalbu kien accetta dan minhabba l-*breast feeding.* L-attur jiddikjara ukoll illi hu ma jafx fl-liema skola l-minuri giet registrata stante li l-intimata qatt ma talbet ghall-firma tieghu. L-attur izid ukoll li minn mindu twieldet il-minuri, l-intimata siefret mal-minuri bejn Malta u B tlettax- il darba u li l-minuri damet Malta daqs kemm damet B.

Sostna illi meta kien icempel lill-minuri fuq *skype,* it-tifla kienet tibki meta jkunu ser jitterminaw it-telefonata ghax tkun trid tarah iktar u li l-intimata taqbad u taqta' meta jigu l-partner tieghu u bintha. MB jichad li hu tela' biss darba B is-sena l-ohra, imma li effettivament tela' darbtejn u li kien sahansitra ha jitla' it-tielet darba imma kien marad. Jispjega li kemm waqt it-tqala u kif ukoll minn meta twieldet it-tifla, huwa kien jitla' kull xahar B u kien biss minn meta faqghet il-pandemija li ma baqax jitla' ghaliex ma kienx hemm flights u minhabba l-kwistjoni tal-kwarantina. Huwa jirrakkonta li l-intimata, waqt it-tqala, nizlet Malta ukoll u ghamlet hafna affarijiet Malta. Illi filfatt l-appuntamenti ghall-*vaccinations* tal-minuri kollox Malta tircievi.

Jiddikjara li meta l-intimata giet bil-minuri fis-Sajf, biex jara lit-tifla kienet qed tkun tortura u dana stante li l-intimata kienet qeghda tkun inkonsistenti hafna fil-hinijiet u granet, meta seta' jiehu t-tifla, u li kienet takkorda l-access biex jikkombaccu mal-impenji taghha. L-attur jispjega li dak li huwa jixtieq huwa li jkun hemm *schedule of access* bejn il-partijiet fejn l-intimata ghandha tinforma lill-attur bid-dati li fihom hija tkun ser tinzel Malta, izda meta talab lill-intimata sabiex jifthemu fuq dan, l-intimata wiegbet li hija ma setghatx ghaliex hija kienet gejja fuq btala. L-attur jichad li huwa pretenda li t-tifla tkun mieghu erbgha u ghoxrin siegha fil-gurnata. Sostna li ghalkemm l-intimata tahdem B, hija baqghet attiva f'Malta anke politikament,

[2] Vide xhieda a fol 115 et seq.

tant li jistqarr li '*her heart is in Malta'* u li kemm il-darba qaltlu li trid titlaq minn B.

Mistoqsi ghaliex intavola dawn il-proceduri, l-attur stqarr illi kien f'sitwazzjoni fejn it-tifla kienet Malta u hu lanqas biss kien jaf b'dan u sar jaf minghand terzi persuni. Fuq il-kwistjoni tal-Brazil, l-attur jispjega illi l-intimata kienet iddecidiet li mhux ser issiefer lejn il-Brazil wara l-insistenza u l-oggezzjoni tieghu li t-tifla takkompanja lill-intimata l-Brazil u dana peress li San Paola u Rio kienu zewgt ibliet perikoluzi u li jehtiegu diversi vaccinations ghal min ikun sejjer hemm. L-attur jilmenta li ghalkemm l-intimata ghazlet liu ma ssifierx il-Brazil bit-tifla, izda m'ghandu l-ebda garanzija li l-intimata mhux ha taghmel bhal ma diga ghamlet meta marret Dusseldorf u minflok ma infurmatu sabiex hu jkun jista' jitla' B biex jiehu hsieb lit-tifla, sar jaf biss li marret Dusseldorf meta baghtitlhu l-kont tal-*babysitter*. L-attur isostni li ghall-intimata t-tifla tappartjeni lilha biss u li hu m'ghandu l-ebda dritt fuq it-tifla. L-attur izid li l-intimata tuza ukoll hafna kliem ta'*parental alienation* meta huwa kien jitla' B kull xahar.

**In kontro-ezami** l-attur ikompli jispjega illi ghalkemm huwa accetta li l-minuri tmur mal-intimata B, dan ma jfissirx li huwa kien kuntent b'dan il-fatt. Ghar-rigward tal-iskola tal-minuri, l-attur jiddikjara illi gialadarba huma kienu qeghdin f'medjazzjoni u t-tifla kienet qeghda B, huwa ma riedx li jtellifha opportunita' li ssegwi l-edukazzjoni pero' rega' rribadixxa li hu qatt ma ffirma xejn. L-attur jikkonferma li meta huwa beda r-relazzjoni tieghu mal-intimata, l-intimata kienet qeghda diga' tahdem B u li peress li r-relazzjoni kienet ghadha fil-bidu, huma ma kienu ghamlu l-ebda pjan ghall-futur taghhom. Hu jispjega li kien hemm diversi drabi fejn l-intimata kienet torqod ghandu u li kien hemm numru ta'gimghat, u sajf shih, fejn marru jghixu ghand omm l-intimata, biex hu jkun jista' jara lit-tarbija kuljum.

MG meta **riprodotta in ezami[3],** issostni illi hija m'ghandix intenzjoni li titlaq minn B tant li, kif jaf l-attur stess, hija qeghda tipprova tixtri propjeta' fi B. Ghar-rigward il-hsieb li kienet qasmet mal-attur fuq Londra, din kienet sempliciment *desiderata* izda qatt ma ghamlet pjaniiet konkreti biex taghmel dan. Kuntrarjament ghal dak li xehed l-attur, l-intimata tinsisti li l-hajja taghha qeghda fi B u li hija integrata hafna iktar B milli Malta, fejn f'B tesebixxi f'exhibitions, ghandha cirku ta' hbieb, u t-tifla tattendi centru tat-tfal. Ghar-rigward ta'l-access tal-minuri mill-attur, l-intimata tichad dak dikjarat mill-attur u ssostniet li l-kontendenti kellhom skeda flessibbli peress li l-attur kien impenjat bil-kampanja elettorali ghall-MEP. F'dak iz-zmien l-intimata tirrileva illi l-hinijiet qatt ma kienu jkunu l-istess, kienu jkunu tard flghaxija, u kienu dettati mill-attur minn jum ghal iehor u hi dejjem accettat. Fis-Sajf, l-attur ried hinijiet fissi tal-

[3] Vide xhieda a fol 125 et seq.

access. Peress li hi kienet hawn ghall-btala u l-granet taghha ma kienux strutturati, ma setghatx taghmel dan. L-intimata tinsisti li hija tat skeda bin-numru ta'visits u *sleepovers* lill-attur.

**L-attur riprodott in ezami**[4] sahaq li mit- 22 ta'Dicembru 2020 'l quddiem qatt ma ra lill-binthu u dan jghodd ukoll ghall-telefonati *skype*. L-attur jinsisti li hu dejjem staqsiha u hi dejjem baghtet l-istess risposta li hu ma wegibx il-proposta taghha. Hu jinsisti li hu propona skeda ta' dati u hinijiet u ma kienx veru li ppretenda li l-minuri tkun mieghu erbgha u ghoxrin siegha fil-gurnata. Jishaq li l-intimata qatt ma infurmatu bid-data li kienet gejja Malta u li meta ikunu fuq *skype call* hija taqbad u taqta u ma thallix lill-familjari tal-attur jaraw lill-minuri. Jichad li l-intimata ghamlet it-tqala kollha gewwa B tant li marru ghal *parental course* Malta u li mar maghha anke kors ta' *Doula* hawn Malta. Hu jishaq illi hu kien jitla' B meta kien ikollha l-visti medici sabiex imur maghha. Jiddikjara ukoll li hu anke kien offrilha li jrabbi lit-tifla wahdu.

Jikklarifika illi hu informa lill-intimata li kien lest li jigborhom mill-ajruport u dana ghaliex kien gie akkuzat li ma jimportahx mit-tifla meta m'ghamilx dan fil-passat. L-attur isostni li hu qatt ma oggezzjona li l-intimata tqatta zmien mal-genituri taghha, imma ma kienx minnu li hi offritlu access ampju. Dan iktar u iktar meta kien ilhu ma jara lit-tifla mit-23 ta'Settembru 2020.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tosserva illi b'mod preliminari fir-risposta taghha, il-konvenuta eccepiet in-nuqqas ta'gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tindirizza din il-kwistjoni.

Mill-provi fuq ezaminati jirrizulta s-segwenti fatti dwar it-tifla minuri tal-kontendenti:

1. Illi l-minuri RBG, twieldet Malta u hija cittadina Maltija b'passaport Malti.
2. Illi kuntrarjament ghax-xenografija li tipprova tpingi l-intimata, effettivament huwa minnu li ghamlet zmien f'Malta daqs kemm ghamlet f'B, stante li: wara t-twelied taghha hija ghexet l-ewwel tmien xhur ta' hajjitha f'Malta; kif tikkonferma l-intimata stess hija tinzel Malta ghall-long weekends u ghall-btajjel kollha;
3. Illi l-minuri inghatat servizzi offfruti mill-Istat Malti ghal dak li jirrigwarda *speech therapy*.
4. Illi in oltre, l-effetti u l-familjari tal-minuri ghajr ommha u cioe in-nanniet materni u dawk paterni, huha, kollha jghixu Malta.

[4] Vide fol 129 et seq.

Ghalhekk meta wiehed inehhi mill-ekwazzjoni il-fatt li l-omm tirrisjedi u tahdem fi B, u jikkunsidra dan kollu mill-punto di vista tal-minuri, il-minuri hija piutost aktar integrata f'Malta stante li l-ambjent familjari tal-istess minuri huwa Malta. Illi kien biss mit-13 ta'Jannar 2021 ili l-minuri kienet ser tibda mhux skola izda *kinder garten* gewwa B. Ghaldaqstant bhala stat ta' fatt, il-minuri ghandha konnessjoni sostanzjali ma' Malta.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi l-partijiet kienu ilhom f'medjazzjoni mill-21 ta'Novembru 2019 u kif tafferma l-istess intimata, il-partijiet kienu qeghdin jippruvaw jilhqu ftehim bonarju izda l-attur ma kienx irrisponda ghall-proposti tal-intimata u tal-avukat difensur taghha. Il-Qorti taghraf illi il-medjazzjoni hija l-ewwel pass fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, sew jekk dawn huma ghall-separazzjoni personali u sew jekk dawn ikunu jikkoncernaw il-kura u l-kustodja ta' tfal jew access tat-tfal jew manteniment tal-istess, fejn ikun hemm relazzjoni intima bejn zewg *partners* bla rabta ta' zwieg. Infatti, fis-sentenza fl-ismijiet: **Ivanka Jovanovic Axisa vs Ronald Axisa deciz fit-18 ta' Dicembru, 2013 mill-Imhallef Dr. S. Meli** gie ritenut illi:

> ***9.1 Illi jirrizulta effettivament pacifiku bejn il-kontendenti li l-procedura fil-Qorti tal-Familja ghadha fi stadju tal-medjazzjoni;***
>
> ***9.2 Illi pero` hi l-fehma ta' din il-qorti li l-procedura de quo qieghda f'dak l-istadju semplicement ghaliex hu obbligatorju li kontendenti jibdew l-iter gudizzjarju hemm involut b'din il-procedura…***
>
> ***9.3 Illi in effetti din il-fazi proceduralI sollevata mill-intimat <u>m'hi xejn hlief l-ewwel pass ghas-separazzjoni personali</u>, u ghalhekk ghandha tittiehed li effettivament hi parti integrali mill-procedura tas-separazzjoni vera u proprja, <u>u mhux separata minnha</u>;"***
> ***(Enfasi ta' din il-Qorti)***

Il-Qorti tinnota illi l-intimata ma kinietx issollevat il-kwistjoni tan-nuqqas ta'gurisdizzjoni fl-istadju tal-medjazzjoni. Hi tiggustifika il-pozizjoni taghha billi ssostni li f'dak l-istadju l-partijiet ma kienux qeghdin jidhru quddiem Qorti.

Hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan l-argument ma jregix u filfatt l-intimata

accettat tacitament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fl-**ewwel stadju tal-proceduri** li jikkoncerna it-tifla minuri tal-kontendenti u cioe' proceduri ghall-kura u kustodja, residenza u access tal-istess minuri, kif ukoll talba ghall-manteniment taghha.[5] Infatti, l-artiklu 742(1)(g) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin fuq:

> ***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.***

Dan l-artiklu pero' mhux l-unika artikolu li jakkorda u jikkonferma l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. L-Artiklu 742 tal-Kap 12 ghar-rigward l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni jipprovdi kif gej:

> ***(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***
>
> ***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
> ***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***
> ***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
> ***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
> ***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkun trattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
> ***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna litinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***
> ***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.***

---

[5] Vide Medjazzjoni 1601/19 anness ma' dawn il-proceduri a fol 1.

*(2) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut.*

*(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le,f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.*

*(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta'arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ, jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.*

*(5) Att kawtelatorju maħruġ skont ma hemm fis-subartikolu ta'qabel dan għandu jitneħħa:(a) jekk dik il-parti li jinħareġ kontriha tagħmel dak id-depożitu jew tagħti dik il-garanzija li tkun biżżejjed sabiex tiżgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tiegħu, sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' għoxrin jum; jew(ċ) meta jiskadi ż-żmien, oriġinali jew imġedded, tal-att partikolari skont dan il-Kodiċi; jew(d) għal raġuni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qortitista' tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.*

*(6) Meta dispożizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel dispożizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-dispożizzjoni l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-dispożizzjoni l-oħra ma tapplikax.*

Ghaldaqstant, mid-daqqa t'ghajn il-Qorti jidher illi ghandha gurisdizzjoni fuq il-kaz in ezami wkoll ai termini ta' l-artikolu 742(1)(b) stante il-presenza tal-intimata f'Malta kif ukoll il-presenza tal-minuri.

Ezami tar-***Regolament (KE) Nru 2201/2003 dwar il-Gurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta'sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta'responsabbilta' tal-genituri*** b'mod specjali ghall-artikolu 12(3)(a) u l-artikolu 13(1) jindikaw b'mod car illi fil-kaz in ezami l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni, ghaliex il-minuri tifla tal-kontendenti ghandha dak l-imsemmjjah **konnessjoni sostanzjali** ma' Malta u cioe l-Istat Membru:

> ***12(3)(a) Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ukoll il-ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri fi proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 fejn:***
>
> ***(a) il-minuri għandhom konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru, u partikolarment bis-saħħa ta' l-fatt li bejn wieħed minn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità huwa/hija abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru jew li l-minuri huma ċittadini ta' dak l-Istat Membru...***
>
> ***13(1). Fejn ir-residenza abitwali ta' l-minuri ma tistax tiġi stabbilita u l-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi ddeterminata dwar il-bażi ta' l-Artikolu 12, il-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri huma preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni.***

Illi in oltre, apparti il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin taht il-kapi fuq indikati, jezisti kap iehor ta'gurisdizzjoni fejn si tratta ta' mizuri provvizorji u prottetivi fuq il-persuna jew assi tal-minuri, u dana kif jidher mill-artikolu 20 tal-istess Regolament Brussels II (Bis) li jipprovdi:

> (***1) F'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anke jekk, taħt dan***

***ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni.***

***2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jibqgħu japplikaw meta l-qorti ta' l-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni, ħadet il-miżuri li dehrilha xierqa.***

Ghalhekk, fid-dawl tal-kap ta' gurisdizzjoni fuq ezaminati u b'mod specjali ghall-Artikolu 20 tar-Regolament Brussels II (Bis), jirrizulta ampjament illi din il-Qorti hija mghamra bil-gurisdizzjoni biex tissindika il-hrug *o meno* tal-mandat ta' impedimenti di partenza tal-minuri tifla tal-kontendenti liema procedura hija essenzjalment hija mizura provvizorja u prottetiva versu l-minuri. Ghaldaqstant, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Gialadarba hija l-fehma konsiderta ta' din il-Qorti li hija ghandha gurisdizzjoni, f'dana l-istadju sejra tanalizza d-dispozizzjonijiet relattivi li jirregolaw il-Mandat ta' Inibizzjoni li jzomm persuna milli tiehu persuna ta' taht l-eta barra minn Malta.

**Ikkonsidrat:**

Skont l-ewwel u t-tieni sub-inciz tal-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

**"*(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***

***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.*"**

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward tal-mandat ghal inbizzjoni tal-partenza ta' minuri, jghoddu ir-regoli u principji generali stabbilit ghall-mandati ta' inibizzjoni generali.

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-mandat t'inibizzjoni ta' partenza ta'

minuri, ir-rikorrenti ghalhekk jehtieglu jissodisfa zewg elementi:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet

Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[6]

**Ikkonsidrat:**

[6] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

Jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri RBG, li llum ghandha sentejn u hames xhur. Din ir-relazzjoni spiccat ftit xhur wara li twielet l-istess minuri. Gie stabbilit ukoll illi kif nibtet din ir-relazzjoni, l-intimat kien jaf, illi l-intimata ghalkemm cittadina Maltija u bil-familjari kollha Malta, kienet tahdem regolarment fi B. Jidher car ukoll illi t-tqala bdiet fi stadju bikri hafna tar-relazzjoni tal-kontendenti meta dawn kienu ghadhom ma ftehmux fuq il-gejjieni taghhom. Jidher ukoll illi bejn il-partijiet qed ikun hemm numru ta' disgwidi relatati mal-minuri, specjalment ghal dak li jirrigwarda safar u l-access specjalment meta l-intimata tinzel Malta minn B.

Ir-rikorrenti jsostni illi huwa ghandu biza' reali li l-konvenuta terga' titlaq mill-pajjiz b'bintu minghajr huwa ma jigi mgharraf u jispicca ma jarahiex aktar jew jaraha biss meta u kif trid il-konvenuta. Illi din il-biza' da parti tal-attur kienet xprunata mill-fatt li fil-passat jidher li l-konvenuta gieli harget minn B bil-minuri minghajr ma informat lill-attur u b'mod partikolari ghaliex l-intimata rritornat lura Malta f'data antecedenti ghal dik li kienet taghtu. Di piu' naqset li tfornih bid-data tar-ritorn taghha u tal-minuri lejn B.

Da parti taghha l-intimata ssostni li hija kienet qaltlu bil-pjan taghha li tigi Malta ftit zmien qabel ma' jibda l-access tieghu, sabiex tqatta' xi zmien mal-genituri taghha qabel ma' l-minuri tkun esposta ghall-aktar persuni hekk kif jibda l-access. L-intimta spjegat il-kondizzjoni medika u vulnerabbli ta' ommha.

Il-Qorti hija rinfaccata b'verzjonijiet kunfliggenti, fejn minn naha wahda l-attur jirrileva illi huwa ma kienx jaf meta l-intimata gejja lura Malta bil-minuri tant li ma kien hemm l-ebda pjan fuq il-modalita' tal-access u minn naha l-ohra l-intimata tirritjeni illi hija kient harget bi proposta dwar il-modalita' tal-access u li kienet infurmat lill-attur li ser tinzel ftit qabel biex tqatta' xi zmien mal-genituri taghha, izda tishaq illi l-attur pretenda li t-tifla tqatta' l-btala shiha taghha billi tqum u torqod ghand l-attur.

L-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa:

> ***Fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;***
>
> ***u fit-tieni lok, irid jipprova li prima facie ghandu dawn il-jeddijiet***
>
> ***Anke jekk rikorrent ghandu jedd prima facie x`jigi tutelat, il-grad ta`***

> ***pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu prima facie ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun irrimedjabbli – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]***

Illi indubitament l-attur ghandu d-drittijiet kollha ta'genitur u dawn gew debitamenti ipprovati kif jidher mic-certifikat tat-twelid a fol 2 tal-process tal-medjazzjoni annessi ma' dawn l-atti. Dak illi jonqos jigi ezaminat huwa il-pregudizzju li ser isoffri l-attur u kemm il-darba dan il-pregudizzju huwiex irrimedjabbli.

Il-qorti tifhem illi t-tfal minuri jehtiegu l-presenza taz-zewg genituri u hin adegwat mat-tnejn b'dana illi jkunu jistghu jibnu relazzjoni b'sahhitha maz-zewg genituri.

Il-Qorti izda tosserva illi l-Xm huwa pajjiz membru tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Konvenzjoni tal-Aija dwar il-minuri u ghalhekk, fl-estremita' li l-intimata ma twettaqx dak illi ghandu jigi deciz mil-Qrati Maltin fir-rigward tat-talbiet kif delinijati fil-medjazzjoni 1601/19 u fil-kawza bejn il-kontendenti rikors guramentat numru: 218/2020 huwa possibli ghar-rikorrenti li jintavola l-proceduri appoziti biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li r-rikorrent ser ibghati xi pregudizzju irrimedjabbli jekk ma jinharigx dan il-mandat.

Ghaldaqstant, wara li rat il-provi prodotti u l-gurisprudenza su citata, il-Qorti hija tal-opinjoni illi ma jikkonkorux l-elementi kollha necessarji sabiex jinhareg dan il-mandat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminarja eccepieta mill-intimata dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fir-risposta taghha tat-28 ta'Dicembru 2020, tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat mitlub, filwaqt li tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tat- 18 ta' Dicembru 2020 permezz ta' liema laqghat it-talba tar-rikorrent provvizorjament. Tordna notifika ta' dan id-digriet finali lill-awtoritajiet kompetenti.**

**Tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moghti kameralment illum 26 ta'Jannar 2021.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**